**In the Consumer Claims Tribunal**

Elizabeth Mamo Silvana

vs

RV Electronics Ltd

CCT 60/19/MS

2 ta' Ottubru 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-15 ta' Mejju 2019 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €600.00 prezz ta' *screen* ta' television LG 55 *inch* mibdul mis-socjeta' intimata a spejjes tar-rikorrenti, liema television screen baqa' jimmanifesta difetti nonostante dan l-intervent min-naha tas-socjeta' intimata.

Ra illi minkejja li s-socjeta intimata ma dahlet l-ebda risposta, thalliet tixhed f'dawn il-proceduri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi xi erba' jew hames snin illu, r-rikorrenti xtrat TV LG 55 inch minghand l-azjenda Digital Zone. F'Lulju tas-sena 2018 dan it-television beda' jimmanifesta xi difetti u marret ghand id-Digital Zone li rreferiha ghand is-socjeta' intimata RV Electronics Ltd. Hadet it-televizjoni ghand din il-kumpanija u wara xi jumejn cemplet u kellmet lir-Ray Chetcuti u qalilha li kien hemm bzonn jinbidel l-iscreen u taha stima ta' aktar minn sitt mitt Euro. Fuq parir tal-istess sur Chetcuti r-rikorrenti accettat li tbiddel l-iscreen. Pero' ir-rikorrenti tghid illi hi ma kenitx avzat lis-sur Chetcuti li kienet sabet l-ilma go dan it-television. Fi kliemha *'qabel ma mort ghand is-sur Chetcuti u ad insaputa tieghu jiena kont sibt l-ilma go dan it-TV u ma kontx ghidtlu jien.'* Wara xi gimgha, x-xoghol kien lest u r-rikorrenti gabret it-TV u hallset flus kontanti imma rcevuta ma nghatatx. Meta xeghlitu, ndunat li kien hemm linja bajda fuq genb minnhom. Is-sur

Chetcuti qalilha biex taghti cans ghax dina tista' titlaq wahedha. Din il-linja sfumat fix-xejn u t-telvizjoni beda jahdem normali. Wara kwazi sitt xhur pero', din il-linja regghet tfaccat. Ikkuntatjat lis-sur Chetcuti li pero' din id-darba qalilha li bil-fors ghamlulu xi haga u rrifjutaw li jsewwuh.

Min-naha l-ohra Ray Chetcuti ghan-nom tas-socjeta intimata, wara li nfurma lit-Tribunal illi huwa *authorised service centre* tal-LG ghal Malta u l-Ewropa, kkonferma illi kien rcieva ilment minghand ir-rikorrenti fil-5 ta' Lulju 2018. It-television ngab ghandhom ghat-tiswija u sabu li l-panel kien difettuz. F'dak l-istadju, wara verifika, is-sur Chetcuti ighid li ma sabu ebda sinjali ta' ilma. Inbidel l-iscreen. Il-klijent hallset, hadet it-television u l-istorja waqfet hemm. Xi sitt xhur wara r-rikorrenti regghet ilmentat it-tieni darba u baghtet ritratti tad-difett. It-television ngab ghat-tieni darba fil-*workshops* tas-socjeta' intimata, u meta nfetah osservaw sinjali ta' *corrosion*. Sabu l-*frame* ta' madwar l-iscreen kollu *corroded* u anke fuq l-iscreen kien hemm ic-carcir tal-ilma. Dan kien jinnega l-garanzija fuq l-iscreen u s-socjeta' intimata ma reditx issewih minghajr hlas. Mistoqsi jekk l-ewwel darba li ngab it-television kienx hemm sinjali tal-ilma, is-sur Chetcuti ighid illi kieku kien hemm, kienu jindunaw mal-ewwel. Il-*panel* li gie mibdul kien tal-hadid u gdid fjamant. Xehed ukoll Vincenzo Cimino it-*technician* li hadem fuq it-*television* fejn qal illi kieku sabu xi tracci ta' ilma fit-*television* kien ikun fl-interess taghhom li josservawha.

Ikkunsidra

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali jidher illi hu pacifiku bejn il-partijiet illi t-*television* in kwistjoni kellu xi diffett u li ttiehed darbtejn ghand is-socjeta' intimata ghat-tiswija. L-ewwel darba nbidel l-iscreen u r-rikorrenti hallset sitt mitt Euro. It-tieni darba is-socjeta' intimata osservat tracci ta' ilma fuq il-*frame* u fuq l-iscreen, liema tracci kkawzaw *corrosion* u ghalhekk irrifjutaw jaghmlu aktar tiswijiet taht il-kappa tal-garanzija.

L-argument tar-rikorrenti huwa illi qabel ma hadet it-*television* l-ewwel darba ghand is-socjeta' intimata kienet sabet l-ilma go dan it-television izda ma gharrfitx lis-socjeta' intimata b'dan il-fatt. Qieghda tallega illi l-fatt li s-socjeta' intimata ma ndunatx b'dan l-ilma ifisser li ghandha dubju kemm verament l-iscreen gie mibdul u li hallset sitt mitt Euro ghal xejn ghax ma ppretendietx li wara biss sitt xhur jigrilha hekk.

L-argument tas-socjeta' intimata huwa illi l-ewwel darba illi fethu t-television, ma sabu l-ebda tracci ta' umdita' jew ilma. Jinsistu li l-iscreen gie mibdul u meta t-television gie ghandhom it-tieni darba sabu diversi partijiet *corroded* bil-perkolazzjoni ta' ilma u rrifjutaw illi jaghmlu aktar tiswijiet bla hlas.

Ikkunsidra

Illi nghad mill-bidu nett illi dan it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala ghandu jiddubita mix-xhieda ta' Ray Chetcuti, li xehed bil-gurament, meta ighid illi l-iscreen gie mibdul. Dan ukoll gie konfermat mit-technician Vincenzo Cimino. Billi r-rikorrenti qieghda tiddubita minn dan il-fatt ma jfissirx illi dan id-dubju jista' jxaqqleb il-probbabilta' tal-veracita' tax-xhieda ta' Ray Chetcuti. Dubju mhuwiex prova u r-rikorrenti kienet obbligata, almenu fuq bazi ta' probbabilita', illi ggib il-provi li l-iscreen ma kienx mibdul. Dan ma ghamlitux.

Terga' u tghid, it-Tribunal issib hafna x'jiccensura fl-operat tar-rikorrenti meta tghid illi sabet l-ilma fit-*television* u ma infurmatx lis-socjeta' intimata b'dan il-fattur daqshekk importanti. Ma jaghmilx sens illi persuna tonfoq sitt mitt Euro fuq television li diga kellu erba jew hames snin u ma tizvelax fattur importanti bhal din, li t-television kien affett b'xi perkolazzjoni tal-ilma. Jista' jkun illi meta t-television infetah l-ewwel dan ma setax ikun immedjatament osservat. Zgur, pero', illi kieku s-socjeta' intimata kienet a konoxxenza ta' dan il-fatt, kienet tiehu l-mizuri kollha li kien hemm bzonn biex tissalvagwardja l-umdita' u taghti l-garanzija li kien hemm bzonn fuq ix-xoghol taghha. Setghet ukoll tirrifjuta li taghmel it-tiswijiet. Izda l-fatt hu li s-socjeta' intimata ma kenitx a konoxxenza ta' dan il-fattur daqshekk importanti u min-naha taghha r-rikorrenti kienet obbligata li taghmel '*full disclosure"* jekk riedet li l-garanzija tkun effettiva. Mhux xi haga ta' barra minn hawn illi l-*corrosion* fit-television immanifesta ruhu aktar tard meta' t-television ingieb ghat-tiswija t-tieni darba.

Hu x'inhu, it-Tribunal ma jhossx li r-rikorrenti ppruvat l-istanza taghha fuq bazi ta' probabbilita'.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrenti Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri. Av.
Arbitru